REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/363

tat-13 ta' Diċembru 2018

li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u l-frekwenza tar-rapporti dwar id-dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012 rigward l-użu ta' kodiċi ta' rapportar fir-rapportar tal-kuntratti tad-derivati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(10) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 9(6) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dettalji rrapportati minn kontropartijiet ta' tranżazzjoni ta' finanzjament tat-titoli (Securities Financial Transaction, "SFT") lil repożitorji tat-tranżazzjonijiet jew lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, "ESMA") jenħtieġ li jkunu ppreżentati f'format armonizzat sabiex jiffaċilitaw il-ġbir, l-aggregazzjoni u t-tqabbil tad-*data* fir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet kollha. Sabiex jiġu minimizzati l-kostijiet tar-rapportar għall-kontropartijiet, il-format tar-rapportar għall-SFTs jenħtieġ li jkun konsistenti, sa fejn huwa fattibbli, ma' dak preskritt għar-rapport ta' kuntratti tad-derivati skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għalhekk dan ir-Regolament jippreskrivi l-format għal kull waħda mill-oqsma li għandhom jiġu rrapportati u jistandardizza rapport b'referenza għal standard tal-ISO li huwa użat ħafna fl-industrija finanzjarja.

(2) Is-sistema tal-identifikatur globali tal-entitajiet ġuridiċi (Legal Entity Identifier, "LEI") issa hija implimentata bis-sħiħ u kull kontroparti għal SFT għandha għalhekk tuża din is-sistema biss biex tidentifika entità ġuridika f'rapport. Biex l-użu tas-sistema mill-kontroparti jkun effettiv, dik il-kontroparti jenħtieġ li tiżgura li d-*data* ta' referenza relatata mal-LEI tagħha tiġġedded skont it-termini ta' emittent LEI akkreditat (Unità Operazzjonali Lokali). Bħalissa qed tiġi żviluppata estensjoni tas-sistema LEI globali biex ikunu identifikati fergħat ta' entitajiet ġuridiċi. Sakemm tkun finalizzata din l-estensjoni u sakemm titqies xierqa għall-finijiet ta' SFTs li jirrapportaw, u sakemm dan ir-Regolament jiġi emendat skont dan, il-kodiċi ISO tal-pajjiż fejn tinsab il-fergħa jenħtieġ li jintuża biex jidentifika dik il-fergħa meta SFT tiġi konkluża permezz ta' uffiċċju fergħa ta' kontroparti.

(3) Sistema globali ta' identifikatur uniku tat-tranżazzjoni (Unique Trader Identifier, "UTI") għall-identifikazzjoni ta' SFTs qed tiġi żviluppata wkoll. Sakemm jasal iż-żmien li s-sistema UTI globali tkun finalizzat u meqjusa xierqa għall-finijiet ta' rapportar ta' SFTs, u dan ir-Regolament ikun emendat skont dan, UTI maqbul mill-kontropartijiet jenħtieġ li jintuża biex jidentifika SFT.

(4) L-Artikolu 4a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012 ([3]) fih proċedura biex tkun determinata l-entità responsabbli biex tiġġenera UTI fir-rigward tar-rapport ta' kuntratti ta' derivati għal dawk is-sitwazzjonijiet meta l-kontropartijiet jonqsu milli jiftiehmu dwar liema hi l-entità responsabbli biex tiġġenera UTI. Biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rapportar ta' kuntratti tad-derivati u tal-SFTs, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura simili għal kontropartijiet li jirrapportaw SFTs.

([1]) ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1.
([2]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u l-frekwenza tar-rapporti tan-negozju lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 352, 21.12.2012, p. 20).

(5) Bħalissa, ma teżisti l-ebda prattika komuni tas-suq biex tkun determinata n-naħa tal-kontroparti f'SFT. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni preċiża u konsistenti tal-fornitur tal-kollateral u tar-riċevitur tal-kollateral f'SFT.

(6) Numru ta' rapporti jistgħu jiġu ppreżentati għal SFT waħda, pereżempju jekk isiru modifiki suċċessivi għal dik l-SFT. Sabiex jiġi żgurat li kull rapport dwar SFT, u kull SFT kumplessivament, jinftiehem sew, ir-rapporti jenħtieġ li jiġu sottomessi fis-sekwenza kronoloġika li fiha seħħew l-avvenimenti rrapportati.

(7) Sabiex jitnaqqas il-piż tar-rapportar tal-modifika ta' ċerti valuri, u partikolarment id-dettalji ta' valur tal-kollateral, tal-marġini depożitat jew riċevut u tal-użu mill-ġdid tal-kollateral, dawk id-dettalji għandhom jiġu rrapportati kif kienu fi tmiem kull jum biss jekk dawn ivarjaw mid-dettalji rrapportati preċedentement.

(8) Id-dettalji ta' self b'marġini pendenti jenħtieġ li jiġu rrapportati kif kienu fi tmiem kull jum, fejn hemm debitu ta' flus nett f'munita bażi jew fejn il-valur qasir tas-suq tal-kontroparti huwa pożittiv.

(9) Il-valur tas-suq ta' titoli mislufa u missellfa jenħtieġ li jkunu rrapportati kif inhuma fi tmiem kull jum. Bl-istess mod, meta l-kontropartijiet jirrapportaw il-valur fis-suq tal-kollateral, huma jenħtieġ li jirrapportawhom kif ikunu fi tmiem kull jum.

(10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat mill-ESMA lill-Kummissjoni Ewropea, skont il-proċedura tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) ([4]).

(11) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar dan l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(12) Bħalma huwa l-każ għat-Tabella ta' rapportar tal-SFTs, ċerti identifikaturi u kodiċijiet li għandhom jintużaw għar-rapport ta' kuntratti tad-derivati għadhom qed jiġu żviluppati. Sakemm dawk l-identifikaturi u l-kodiċijiet ikunu disponibbli, jitqiesu xierqa għall-finijiet ta' rapportar u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1247/2012 ikun ġie emendat skont dan, dan ir-Regolament jipprovdi għall-użu ta' kodiċi ISO 10692 CFI għall-klassifikazzjoni ta' derivati li għalihom mhux disponibbli kodiċi ISO 6166 ISIN jew kodiċi AII, u għall-użu ta' identifikatur uniku tat-tranżazzjoni miftiehem bejn il-kontropartijiet biex jidentifika rapport derivattiv. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt fir-rigward tal-proċeduri xierqa biex temenda r-rekwiżiti applikabbli għar-rapportar ta' kuntratti tad-derivati, u l-grad rikjest ta' konsistenza bejn ir-rapport tad-derivati u tal-SFTs, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1247/2012 jenħtieġ li jirreferi biss għar-rekwiżiti applikabbli bħalissa għal dak ir-rapportar.

(13) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1247/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-istandards u l-formats tad-data għar-rapporti SFT

Id-dettalji ta' SFT f'rapport li għandu jkun preżentat skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2015/2365 għandhom ikunu ppruvduti skont l-istandards u l-formati speċifikati fit-Tabelli minn 1 sa 5 tal-Anness I. Dan ir-rapport għandu jkun ipprovdut f'forma elettronika komuni u li tinqara mill-magni u f'template XML komuni skont il-metodoloġija ISO 20022.

([4]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

Artikolu 2

Identifikazzjoni tal-kontropartijiet u l-entitajiet oħra

1. Ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 1 għandu juża identifikatur ta' entità ġuridika (Legal Entity Identifier — LEI) ISO 17442 biex jidentifika dan li ġej:

(a) benefiċjarju li huwa entità ġuridika;

(b) entità sensar;

(c) kontroparti ċentrali (Central Counterparty, "CCP") awtorizzata f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(d) membru tal-ikklirjar;

(e) aġent mutwanti;

(f) parteċipant tad-depożitorju ċentrali tat-titoli (Central Securities Depository, "CSD");

(g) kontroparti li hija entità ġuridika;

(h) aġent tripartit;

(i) entità li tissottometti r-rapport;

(j) emittent ta' titolu li kien misluf, missellef jew provdut bħala kollateral f'SFT.

2. Kontroparti għal SFT għandha tiżgura li d-*data* ta' referenza relatata mal-kodiċi LEI ISO 17442 tagħha tiġġedded skont it-termini ta' kwalunkwe waħda mill-Unitajiet Operatorji Lokali tas-Sistema LEI Globali.

3. Meta SFT tiġi konkluża permezz ta' fergħa ta' kontroparti, ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 1 għandu juża l-kodiċi speċifikat fil-Kaxxa 7 u fil-Kaxxa 8 tat-Tabella 1 tal-Anness I sabiex tiġi identifikata dik il-fergħa ta' kontroparti.

Artikolu 3

Identifikatur Uniku tat-Tranżazzjoni

1. Rapport għandu jiġi identifikat permezz ta' identifikatur uniku tat-tranżazzjoni (Unique Trader Identifier, "UTI") maqbul mill-kontropartijiet skont il-format speċifikat fil-Kaxxa 1 tat-Tabella 2 tal-Anness I.

2. Meta l-kontropartijiet jonqsu milli jiftiehmu dwar liema hi l-entità responsabbli biex tiġġenera l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni li għandu jiġi assenjat lir-rapport, il-kontropartijiet għandhom jiddeterminaw l-entità responsabbli biex tiġġenera l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni skont dan li ġej:

(a) għal SFTs eżegwiti u kklirjat ċentralment, l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni għandu jiġi ġġenerat fil-punt tal-ikklirjar mis-CCP għall-membru tal-ikklirjar. Identifikatur uniku tat-tranżazzjoni (UTI) ieħor għandu jiġi ġġenerat mill-membru tal-ikklirjar għall-kontroparti tiegħu;

(b) għal SFTs eżegwiti ċentralment iżda mhux ikklirjati ċentralment, l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni għandu jiġi ġġenerat miċ-ċentru tan-negozjar tal-eżekuzzjoni għall-membru tiegħu;

(c) għal SFTs ikkonfermati u kklirjati, l-UTI għandu jiġi ġġenerat mis-CCP għall-membru tal-ikklirjar fil-punt tal-ikklirjar. Identifikatur uniku tat-tranżazzjoni (UTI) ieħor għandu jiġi ġġenerat mill-membru tal-ikklirjar għall-kontroparti tiegħu;

(d) għal SFTs li kienu konfermati ċentralment b'mezzi elettroniċi, iżda li ma kinux ikklirjati ċentralment, l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni għandu jiġi ġġenerat mill-pjattaforma tal-konferma tan-negozjar fil-punt tal-konferma;

(e) għall-SFTs l-oħra kollha minbarra dawk imsemmija fil-punti (a) sa (d), għandu japplika dan li ġej:

(i) fejn il-kontropartijiet finanzjarji jikkonkludu SFT ma' kontropartijiet mhux finanzjarji, il-kontropartijiet finanzjarji għandhom jiġġeneraw identifikatur uniku tat-tranżazzjoni;

(ii) għat-tranżazzjonijiet kollha ta' self jew teħid b'self ta' titoli għajr dawk imsemmija fil-punt (i), il-fornitur ta' kollateral kif imsemmi fl-Artikolu 4 għandu jiġġenera l-UTI;

(iii) għall-SFTs kollha għajr dawk imsemmija fil-punti (i) u (ii), ir-riċevitur ta' kollateral kif imsemmi fl-Artikolu 4 għandu jiġġenera l-UTI.

3. Il-kontroparti li tiġġenera l-UTI għandha tikkomunika dak l-UTI lill-kontroparti l-oħra fil-ħin ħalli din tal-aħħar tkun tista' tissodisfa l-obbligu tagħha ta' rapportar.

Artikolu 4

In-naħa tal-kontroparti

1. In-naħa tal-kontroparti fl-SFT imsemmija fil-Kaxxa 9 tat-Tabella 1 tal-Anness I għandha tiġi identifikata skont il-paragrafi minn 2 sa 4.

2. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' riakkwist, tranżazzjonijiet ta' akkwist bil-patt ta' rivendita u tranżazzjonijiet ta' vendita bil-patt ta' riakkwist, il-kontroparti li tixtri t-titoli, il-komoditajiet, jew id-drittijiet garantiti relatati mat-titoli jew mal-komoditajiet fil-ftuħ jew fid-data tas-saldu tan-negozju u li taqbel li tbigħhom għal prezz speċifiku f'data futura fl-għeluq jew fil-forward leg tan-negozju, għandha tkun identifikata bħala r-riċevitur ta' kollateral fil-Kaxxa 9 tat-Tabella 1 fl-Anness I. Il-kontroparti li tbigħ dawk it-titoli, il-komoditajiet, jew drittijiet garantiti għandha tkun identifikata bħala l-fornitur ta' kollateral fil-Kaxxa 9 tat-Tabella 1 tal-Anness I.

3. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew komoditajiet, il-kontroparti li ssellef it-titoli jew il-komoditajiet bil-kundizzjoni li min jissellef jirritorna t-titoli jew il-komoditajiet ekwivalenti f'data futura jew fuq talba tat-trasferent, għandha tkun identifikata bħala r-riċevitur ta' kollateral fil-Kaxxa 9 tat-Tabella 1 fl-Anness I. Il-kontroparti li tissellef dawk it-titoli jew komoditajiet għandha tkun identifikata bħala l-fornitur ta' kollateral fil-Kaxxa 9 tat-Tabella 1 tal-Anness I.

4. Fil-każ ta' tranżazzjoni ta' self b'marġni, min jissellef, jiġifieri l-kontroparti li lilha jingħata l-kreditu bi skambju ma' kollateral, għandha tkun identifikata bħala l-fornitur ta' kollateral fil-Kaxxa 9 tat-Tabella 1 tal-Anness I. Is-sellief, jiġifieri l-kontroparti li tipprovdi l-kreditu bi skambju ma' kollateral, għandu jkun identifikat bħala r-riċevitur ta' kollateral fil-Kaxxa 9 tat-Tabella 1 tal-Anness I.

Artikolu 5

Il-frekwenza tar-rapporti SFT

1. Ir-rapporti kollha dwar id-dettalji ta' SFT speċifikati skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/356 ([5]) għandhom ikunu pprovduti fl-ordni kronoloġika li fihom ikunu seħħew l-avvenimenti rrapportati.

2. Kontroparti ta' tranżazzjoni ta' self b'marġni għandha tirrapporta d-dettalji tas-self b'marġni pendenti kif kienu fi tmiem kull jum, fejn hemm debitu ta' flus nett f'munita bażi jew fejn il-valur qasir fis-suq tal-kontroparti huwa pożittiv.

3. Kontroparti għal SFT pendenti għandha tirrapporta kwalunkwe modifika tad-dettalji li għandhom x'jaqsmu mad-*data* tal-kollateral fil-Kaxxi 75 sa 94 tat-Tabella 2 tal-Anness I bit-tip ta' azzjoni "Aġġornament tal-kollateral". Il-kontroparti għandha tirrapporta dawn id-dettalji modifikati kif inhuma fit-tmiem ta' kull jum sakemm tirrapporta t-terminazzjoni tal-SFT, jew tirrapporta l-SFT bit-tip ta' azzjoni "Errur", jew sakemm l-SFT tilħaq id-data ta' maturità tagħha, skont liema minnhom isseħħ l-ewwel.

4. Kontroparti għal SFT pendenti għandha tirrapporta kwalunkwe modifika tal-valur tas-suq fi tmiem il-jum tat-titoli mislufa jew missellfa fil-Kaxxa 57 tat-Tabella 2 tal-Anness I bit-tip ta' azzjoni "Aġġornament tal-valwazzjoni". Il-kontroparti għandha tirrapporta dan il-valur tas-suq modifikat kif ikun fit-tmiem ta' kull jum sakemm tirrapporta t-terminazzjoni tal-SFT, jew tirrapporta l-SFT bit-tip ta' azzjoni "Errur", jew sakemm l-SFT tilħaq id-data ta' maturità tagħha.

([5]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/356 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFTs) li għandhom jiġu rrapportati lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

5. Kontroparti għandha tirrapporta kwalunkwe modifika tal-ammont totali ta' marġini depożitat jew riċevut għall-SFTs kollha kklirjati kif ikun fi tmiem il-jum fil-Kaxex 8 sa 19 tat-Tabella 3 tal-Anness I bit-tip ta' azzjoni "Aġġornament tal-Marġini" wara li tkun l-ewwel irrapportat l-ammont totali tal-marġini depożitat jew riċevut bit-tip ta' azzjoni "Ġdid".

6. Kontroparti għandha tirrapporta kwalunkwe modifika tal-valur ta' kollateral użat mill-ġdid, ta' flus kontanti investiti mill-ġdid u s-sorsi ta' finanzjament bit-tip ta' azzjoni "Aġġornament ta' użu mill-ġdid" kif ikun fi tmiem il-jum fil-Kaxex 8 sa 14 tat-Tabella 4 tal-Anness I wara li tkun irrapportat il-valuri relevanti bit-tip ta' azzjoni "Ġdid".

Artikolu 6

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1247/2012

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1247/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-derivattiv għandu jkun ikklassifikat fil-Kaxxa 4 tat-Tabella 2 tal-Anness permezz tal-kodiċi ISO 10692 tal-Klassifikazzjoni tal-Istrumenti Finanzjarji (CFI).";

(b) jitħassru l-paragrafi 8 u 9.

(2) Fl-Artikolu 4 a, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Rapport għandu jiġi identifikat permezz ta' identifikatur uniku tan-negozjar maqbul bejn il-kontropartijiet.";

(3) L-Anness huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Il-formati li għandhom jintużaw għal rapporti dwar id-dettalji ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1) u (5) tar-Regolament (UE) 2015/2365

Tabella 1

***Data* tal-Kontroparti**

Num-ru	Attribut	Format
1	Kronogramma tar-rapportar	Format tad-data ISO 8601 u format tal-ħin Ħin Universali Koordinat (UTC), jiġifieri YYYY-MM-DDThh:mm:ssZ
2	Entità li tissottometti r-rapport	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
3	Kontroparti li tirrapporta	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
4	Natura tal-kontroparti li tirrapporta.	"F" = Kontroparti finanzjarja "N" = Kontroparti mhux finanzjarja
5	Settur tal-kontroparti li tirrapporta	Tassonomija għall-Kontropartijiet Finanzjarji: "CDTI" - Istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([2]) jew entità terza ta' pajjiż terz li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni skont dak l-att leġiżlattiv "INVF" - Ditta tal-investiment awtorizzata skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jew entità ta' pajjiż terz li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni skont dak l-att leġiżlattiv "INUN" - Impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) (Solvibbiltà II) jew entità ta' pajjiż terz li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni skont dak l-att leġiżlattiv "AIFD" - AIF ġestita minn AIFMS awtorizzati jew irreġistrati skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) jew entità ta' pajjiż terz li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni skont dak l-att leġiżlattiv "ORPI" - Istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali awtorizzata jew irreġistrata skont id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) jew entità ta' pajjiż terz li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni skont dak l-att leġiżlattiv "CCPS" - Kontroparti ċentrali awtorizzata skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) jew entità ta' pajjiż terz li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni skont dak l-att leġiżlattiv "REIN" - Impriża tar-riassigurazzjoni awtorizzata skont Solvibbiltà II jew entità ta' pajjiż terz li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni skont dak l-att leġiżlattiv "CCPS" - Depożitorju ċentrali tat-titoli awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) jew entità ta' pajjiż terz li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni skont dak l-att leġiżlattiv "UCIT" - UCITS u l-kumpanija maniġerjali tagħhom awtorizzati skont id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) jew entità ta' pajjiż terz li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni skont dak l-att leġiżlattiv

Numru	Attribut	Format
		Tassonomija għall-Kontropartijiet Mhux Finanzjarji. Il-kategoriji ta' hawn taħt jikkorrispondu għat-taqsimiet ewlenin tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE), kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) "A" = Agrikoltura, forestrija u sajd "B" - Minjieri u barrieri "C" - Manifattura "D" - Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kkondizzjonata "E" - Provvista tal-ilma, drenaġġ, ġestjoni tal-iskart u attivitajiet ta' rimedju "F" - Kostruzzjoni "G" - Negozju bl-ingrossa u bl-imnut, tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi "H" - Trasport u ħażna "I" - Attivitajiet ta' servizzi ta' akkomodazzjoni u ikel "J" - Informatika u komunikazzjoni "K" - Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni "L" - Attivitajiet marbuta ma' proprjetà ta' beni immobbli "M" - Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi "N" - Attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' appoġġ "O" - Amministrazzjoni pubblika u difiża; assigurazzjoni soċjali obbligatorja "P" - Edukazzjoni "Q" - Attivitajiet marbuta mas-Saħħa tal-Bniedem u mal-Ħidma Soċjali "R" - Arti, divertiment u rikreazzjoni "S" - Attivitajiet Oħra ta' Servizz "T" - Attivitajiet ta' Unitajiet Domestiċi bħala impjegaturi; attivitajiet ta' produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux differenzjati ta' unitajiet domestiċi għall-użu proprju "U" - Attivitajiet ta' korpi u organizzazzjonijiet extraterritorjali
6	Il-klassifikazzjoni tassettur addizzjonali	"ETFT" - ETF "MMFT" - MMF "REIT" - REIT "OTHR" - Oħrajn
7	Fergħa tal-kontroparti li tirrapporta	ISO 3166-1 alpha-2 kodiċi tal-pajjiż b'2 karattri alfabetiċi.
8	Fergħa tal-kontroparti l-oħra	ISO 3166-1 alpha-2 kodiċi tal-pajjiż b'2 karattri alfabetiċi.
9	Naħa tal-kontroparti	"TAKE" - Riċevitur ta' kollateral "GIVE" - Fornitur ta' kollateral
10	L-entità responsabbli għar-rapport	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
11	Kontroparti oħra	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku Kodiċi tal-klijent (sa 50 karattru alfanumeriku).
12	Pajjiż tal-Kontroparti l-oħra	ISO 3166-1 alpha-2 kodiċi tal-pajjiż b'2 karattri alfabetiċi.

Numru	Attribut	Format
13	Benefiċjarju	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku Kodiċi tal-klijent (sa 50 karattru alfanumeriku).
14	Aġent tripartit	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
15	Sensar	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
16	Membru li jikklerja	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
17	Parteċipant jew parteċipant indirett fid-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli (CSD - Central Securities Depository)	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku
18	Aġent mutwanti	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku

([1]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).
([3]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).
([4]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).
([5]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).
([6]) Id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali (ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10).
([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).
([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).
([9]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).
([10]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Tabella 2

Data tas-Self u tal-Kollateral

Numru	Attribut	Format
1	Identifikatur Uniku tan-Negozjar (UTI)	Kodiċi sa 52 karattru alfanumeriku inkluż erba' karattri speċjali: Huma permessi biss il-karattri alfabetiċi kbar A-Z u ċ-ċifri 0-9, inklużivi fiż-żewġ każijiet.
2	In-numru tal-intraċċar tar-rapport	Kodiċi sa 52 karattru alfanumeriku inkluż erba' karattri speċjali: Huma permessi biss il-karattri alfabetiċi kbar A-Z u ċ-ċifri 0-9 inklużi fiż-żewġ każijiet.
3	Data meta seħħ l-avveniment:	Id-data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD
4	Tip ta' SFT	"SLEB" - tranżazzjoni ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet "SBSC" - tranżazzjoni ta' akkwist bil-patt ta' rivendita jew tranżazzjonijiet ta' vendita bil-patt ta' riakkwist "REPO" - tranżazzjoni repo "MGLD" - tranżazzjoni ta' self b'marġni

Numru	Attribut	Format
5	Ikklerjat	“veru” “falz”
6	Kronogramma tal-ikklirjar	Format tad-data ISO 8601 u format tal-ħin Ħin Universali Koordinat (UTC), jiġifieri YYYY-MM-DDThh:mm:ssZ
7	Kontroparti Ċentrali (CCP)	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b’20 karattru alfanumeriku
8	Ċentru tan-negozjar	Kodiċi ISO 10383 tal-Identifikatur tas-Suq, 4 karattri alfanumeriċi. Fejn jeżistu MICs segmentali għall-post tan-negozjar, għandu jintuża l-MIC segmentali.
9	Tip ta’ ftehim prinċipali	“MRAA” - MRA “GMRA” – GMRA “MSLA” - MSLA “GMSL” - GMSLA “ISDA” - ISDA “DERP” - Deutscher Rahmenvertrag für Wertpapierpensionsgeschäfte “CNBR” - China Bond Repurchase Master Agreement, “KRRA” - Korea Financial Investment Association (KOFIA) Standard Repurchase Agreement “CARA” - Investment Industry Regulatory Organization of Kanada (IIROC) Repurchase/Reverse Repurchase Transaction Agreement “FRFB” - Convention-Cadre Relative aux Operations de Pensions Livrees, “CHRA” -Swiss Master Repurchase Agreement “DEMA” - German Master Agreement “JPBR” - Japanese Master Agreement on the Transaction with Repurchase Agreement of the Bonds “ESRA” - Contrato Marco de compraventa y Reporto de valores “OSLA” - Overseas Securities Lending Agreement (OSLA) “MEFI” - Master Equity and Fixed Interest Stock Lending Agreement (MEFISLA) “GESL” - Gilt Edged Stock Lending Agreement (GESLA) “KRSL” - Korean Securities Lending Agreement (KOSLA) “DERD” - Deutscher Rahmenvertrag für Wertpapierdarlehen “AUSL” - Australian Masters Securities Lending Agreement (AMSLA) “JPBL” - Japanese Master Agreement on Lending Transaction of Bonds “JPSL” - Japanese Master Agreement on the Borrowing and Lending Transactions of Share Certificates “BIAG” - ftehim bilaterali “CSDA” - Ftehim bilaterali CSD jew “OTHR” jekk it-tip ta’ ftehim prinċipali mhuwiex inkluż fil-lista ta’ hawn fuq
10	Tip ieħor ta’ ftehim prinċipali	Sa 50 karattru alfanumeriku
11	Verżjoni tal-ftehim prinċipali	Data ISO 8601 fil-format YYYY
12	Kronogramma tal-eżekuzzjoni	Format tad-data ISO 8601 u format tal-ħin Ħin Universali Koordinat (UTC), jiġifieri YYYY-MM-DDThh:mm:ssZ
13	Data tal-Valur (Data tal-Bidu)	Id-data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD

Num-ru	Attribut	Format
14	Data tal-Maturità (Data tat-Tmiem)	Id-data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD
15	Data tat-terminazzjoni	Id-data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD
16	Perjodu minimu ta' avviż	Attribut b'valur sħiħ sa 3 ċifri
17	L-iktar data bikrija għall-irtirar	Id-data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD
18	Indikatur tal-kollateral ġenerali	"SPEC" - kollateral speċifiku "GENE" - kollateral ġenerali
19	Indikatur tal-Konsenja skont il-Valur ("DBV")	"veru" "falz"
20	Metodu użat għall-provvediment tal-kollateral	"TTCA"- arranġament kollaterali finanzjarju bi trasferiment ta' titlu "SICA"- arranġament kollaterali finanzjarju tat-titoli "SIUR"- arranġament kollaterali finanzjarju tat-titoli bid-dritt tal-użu
21	Terminu miftuħ	"veru" "falz"
22	Opzjonalità tat-Terminazzjoni	"EGRN" - evergreen "ETSB" - estendibbli "NOAP" - mhux applikabbli
Fil-każ ta' self b'marġni, l-attributi elenkati fil-kaxxi 23-34 għandhom ikunu ripetuti u mimlija għal kull valuta użata fis-self b'marġini.		
23	Rata fissa	Sa 11-il karattru numeriku inkluż sa 10 deċimali espressi bħala perċentwali, fejn 100 % hija rappreżentata bħala "100". Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentat b'punt.
24	Konvenzjoni għall-għadd tal-jiem	Il-kodiċi li tirrappreżenta l-konvenzjoni tal-għadd tal-jiem: "A001" - IC30360ISDAor30360AmericanBasicRule "A002" - IC30365 "A003" - IC30Actual "A004" - Actual360 "A005" - Actual365Fixed "A006" - ActualActualICMA "A007" - IC30E360orEuroBondBasismodel1 "A008" - ActualActualISDA "A009" - Actual365LorActuActubasisRule "A010" - ActualActualAFB "A011" - IC30360ICMAor30360basicrule "A012" - IC30E2360orEurobondbasismodel2 "A013" - IC30E3360orEurobondbasismodel3 "A014" - Actual365NL Jew sa 35 karattru alfanumeriku jekk il-konvenzjoni tal-għadd tal-jiem mhijiex inkluża fil-lista ta' hawn fuq.

Num-ru	Attribut	Format
25	Rata varjabbli	Il-kodiċi li tirrappreżenta l-indiċi tar-rata varjabbli “EONA” - EONIA “EONS” - EONIA SWAP “EURI” - EURIBOR “EUUS” - EURODOLLARU “EUCH” - EuroSwiss “GCFR” - GCF REPO “ISDA” - ISDAFIX “LIBI” - LIBID “LIBO” - LIBOR “MAAA” - Muni AAA “PFAN” - Pfandbriefe “TIBO” - TIBOR “STBO” - STIBOR “BBSW” - BBSW “JIBA” - JIBAR “BUBO” - BUBOR “CDOR” - CDOR “CIBO” - CIBOR “MOSP” - MOSPRIM “NIBO” - NIBOR “PRBO” - PRIBOR “LBO”- TELBOR “IBO”- WIBOR “TREA”- It-Teżor “SWAP” - SWAP “FUSW” - Future SWAP Jew sa 25 karattru alfanumeriku jekk ir-rata ta’ referenza mhijiex inkluża fil-lista ta’ hawn fuq
26	Perjodu ta’ referenza tar-rata varjabbli - perjodu ta’ żmien	Il-perjodu ta’ żmien li jiddeskrivi l-perjodu ta’ referenza, fejn għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: “YEAR” - Sena “MNTH” - Xahar “WEEK” - Ġimgħa “DAYS” - Jum
27	Perjodu ta’ referenza tar-rata varjabbli - multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta’ żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jirrisettjaw ir-rata varjabbli. Sa 3 karattri numeriċi
28	Pagament tar-rata varjabbli frekwenza - perjodu ta’ żmien	Il-perjodu ta’ żmien jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti, u għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: “YEAR” - Sena “MNTH” - Xahar “WEEK” - Ġimgħa “DAYS” - Jum
29	Pagament tar-rata varjabbli frekwenza - multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta’ żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti. Sa 3 karattri numeriċi

Num-ru	Attribut	Format
30	Issettjar mill-ġdid tar-rata varjabbli frekwenza - perjodu ta' żmien	Il-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jirrisettjaw ir-rata varjabbli, fejn għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: "YEAR" - Sena "MNTH" - Xahar "WEEK" - Ġimgħa "DAYS" - Jum
31	Issettjar mill-ġdid tar-rata varjabbli frekwenza - multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta' żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jirrisettjaw ir-rata varjabbli. Sa 3 karattri numeriċi
32	Firxa	Sa 5 karattri numeriċi
33	Ammont ta' self marġinali tal-muniti	Sa 18-il karattru numeriku inkluż sa 5 deċimali. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentata b'punt.
34	Self marġinali tal-muniti	Kodiċi ISO 4217 tal-Munita, 3 karattri alfabetiċi.
Il-kaxxi 35-36 għandhom jiġu ripetuti u mimlija għal kull aġġustament b'rata varjabbli.		
35	Rata aġġustata	Sa 11-il karattru numeriku inkluż sa 10 deċimali espressa bħala perċentwali, fejn 100 % hija rappreżentata bħala "100". Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentat b'punt.
36	Data tar-rata	Id-data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD
37	Munita tal-ammont prinċipali fid-data tal-valur	Sa 18-il karattru numeriku inkluż sa 5 deċimali. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentat b'punt.
38	Ammont prinċipali fuq id-data tal-maturità	Sa 18-il karattru numeriku inkluż sa 5 deċimali. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentata b'punt.
39	Munita tal-ammont prinċipali	Kodiċi ISO 4217 tal-Munita, 3 karattri alfabetiċi.
40	Tip ta' assi	"SECU" - Titoli "COMM" - Komoditajiet
41	Identifikatur tas-sigurtà	Il-kodiċi ISIN ISO 6166 bi 12-il karattru alfanumeriku
42	Klassifikazzjoni ta' sigurtà	Il-kodiċi CFI ISO 10692 b'6 karattri alfabetiċi
Meta komodità ġiet mislufa jew missellfa, il-klassifikazzjoni ta' dik il-komodità għandha tiġi speċifikata fil-kaxxi 43, 44 u 45.		
43	Prodott bażiku	Huma permessi biss il-valuri fil-kolonna tal-"Prodott bażi" tat-tabella tal-klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet.

Numru	Attribut	Format
44	Prodott sekondarju	Huma permessi biss il-valuri fil-kolonna tal-"Prodott sekondarju" tat-tabella tal-klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet.
45	Prodott sekondarju ieħor	Huma permessi biss il-valuri taħt "Prodotti sekondarji oħra" fit-tabella ta' klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet.
46	Kwantità jew ammont nominali	Sa 18-il karattru numeriku inkluż sa 5 deċimali. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentat b'punt.
47	Unità ta' kejl	"KILO" - Kilogramm (Kilogramma), "PIEC" - Piece (Biċċa), "TONS" - Ton (Tunnellata), "METR" - Metre (Metru), "INCH" - Inch (Pulzier), "YARD" - Yard (Jarda), "GBGA" - GBGallon (gallun GB), "GRAM" - Gram (Gramma), "CMET" - Centimetre (Ċentimetru), "SMET" - SquareMetre (Metru kwadru), "FOOT" - Foot (Pied), "MILE" - Mile (Mil), "SQIN" - SquareInch (Pulzier kwadru), "SQFO" - SquareFoot (Pied kwadru), "SQMI" - SquareMile (Mil kwadru), "GBOU" - GBOunce (Uqija GB), "USOU" - USOunce (Uqija US), "GBPI" - GBPint (Pinta GB), "USPI" - USPint (Pinta US), "GBQA" - GBQuart (Kwart GB), "USQA" - USQuart (Kwart US), "USGA" - USGallon (Gallun US), "MMET" - Millimetre (Millimetru), "KMET" - Kilometre (Kilometru), "SQYA" - SquareYard (Jarda kwadra), "ACRE" - Acre (Ejker), "ARES" - Are (Are), "SMIL" - SquareMillimetre (Millimetru kwadru), "SCMT" - SquareCentimetre (Ċentimetru kwadru), "HECT" - Hectare (Ettaru), "SQKI" - SquareKilometre (Kilometru kwadru), "MILI" - MilliLitre (MilliLitru), "CELI" - Centilitre (Ċentilitru), "LITR" - Litre (Litru), "PUND" - Pound (Libbra), "ALOW" - Allowances (Kwoti), "ACCY" - AmountOfCurrency (Ammont tal-Munita), "BARL" - Barrels (Bramel), "BCUF" - BillionCubicFeet (Biljun Pied Kubiku), "BDFT" - BoardFeet (BoardFeet), "BUSL" - Bushels (Buxel), "CEER" - CertifiedEmissionsReduction (Tnaqqis ċertifikat tal-emissjonijiet), "CLRT" - ClimateReserveTonnes (Tunnellati ta' riżerva tal-klima), "CBME" - CubicMeters (Metri kubiċi), "DAYS" - Days (Jiem), "DMET" - DryMetricTons (Tunellati metriċi nixfin), "ENVC" - EnvironmentalCredit (Kreditu tal-ambjent), "ENVO" - EnvironmentalOffset (Kumpens ambjentali), "HUWG" - Hundredweight (Piż ta' mija), "KWDC" - KilowattDayCapacity (Kapaċita ta' kilowatt f'ġurnata), "KWHO" - KilowattHours (Sigħat kilowatt), "KWHC" - KilowattHoursCapacity (Kapaċità ta' sigħat kilowatt), "KMOC" - KilowattMinuteCapacity (Kapaċità ta' kilowatt f'minuta), "KWMC" - KilowattMonthCapacity (Kapaċità ta' kilowatt f'xahar), "KWYC" - KilowattYearCapacity (Kapaċità ta' kilowatt f'sena), "MWDC" - MegawattDayCapacity (Kapaċità ta' kilowatt f'ġurnata), "MWHO" - MegawattHours (Sigħat megawatt), "MWHC" - MegawattHoursCapacity (Kapaċità ta' megawatt f'siegħa), "MWMC" - MegawattMinuteCapacity (Kapaċità ta' megwatt f'minuta), "MMOC" - MegawattMonthCapacity (Kapaċità ta' megawatt f'xahar), "MWYC" - MegawattYearCapacity (Kapaċità ta' megawatt f'sena), "TONE" - MetricTons (Tunnellati metriċi), "MIBA" - MillionBarrels (Miljun barmil), "MBTU" - OneMillionBTU (Miljun BTU), "OZTR" - TroyOunces (Uqija troy), "UCWT" - USHundredweight (Piz ta' mija US), "IPNT" - IndexPoint (Punt ta' indiċi), "PWRD" - PrincipalWithRelationToDebtInstrument (Prinċipal b'rabta mal-istrument tad-dejn), "DGEU" - DieselGallonEquivalent (Ekwivalenti ta' gallun ta' diżil), "GGEU" - GasolineGallonEquivalent (Ekwivalenti ta' gallun ta' gażolina), "TOCD" - TonsOfCarbonDioxide (Tunnellati ta' dijossidu tal-karbonju).
48	Munita tal-ammont nominali	Kodiċi ISO 4217 tal-Munita, 3 karattri alfabetiċi.
49	Prezz tas-sigurtà jew tal-komodità	Sa 18-il karattru numeriku inklużi sa 5 deċimali f'każ li l-prezz jiġi espress f'unitajiet. Sa 11-il karattru numeriku inklużi sa 10 deċimali f'każ li l-prezz jiġi espress bħala perċentwal jew rendita. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentat b'punt.
50	Munita tal-prezz	Kodiċi ISO 4217 tal-Munita, 3 karattri alfabetiċi.

Num-ru	Attribut	Format
51	Kwalità tas-sigurtà	“INVG” - Grad ta’ investment “NIVG” - Grad mhux ta’ investment “NOTR” - Mhux klassifikat “NOAP” - Mhux applikabbli
52	Maturità tas-sigurtà	Id-data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD
53	Ġuriżdizzjoni tal-emittent	ISO 3166-1 alpha-2 kodiċi tal-pajjiż 2 karattri alfabetiċi.
54	LEI tal-emittent	Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b’20 karattru alfanumeriku
55	Tip ta’ Sigurtà	“GOVS” - Titoli tal-Gvern “SUNS” - Titoli tas-supranazzjonali u tal-aġenziji “FIDE” - Titoli ta’ dejn (inklużi bonds koperti) maħruġa minn banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra “NFID” - Titoli ta’ dejn korporattiv (inklużi bonds koperti) maħruġa minn istituzzjonijiet mhux finanzjarji “SEPR” - Prodotti titolizzati (inklużi CDO, CMBS, ABCP) “MEQU” - Ekwità ta’ indiċi ewlieni (inklużi bonds konvertibbli) “OEQU” - Ekwità oħra (inklużi bonds konvertibbli) “OTHR”- Assi oħra (inklużi ishma f’fondi mutwi)
56	Valur tas-self	Sa 18-il karattru numeriku inkluż sa 5 deċimali. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentata b’punt.
57	Valur tas-suq	Sa 18-il karattru numeriku inkluż sa 5 deċimali. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentata b’punt.
58	Rata fissa tat-tnaqqis	Sa 11-il karattru numeriku inkluż sa 10 deċimali espressa bħala perċentwali, fejn 100 % hija rappreżentata bħala “100”. Is-simbolu negattiv, jekk ikun hemm, mhux ikkunsidrat bħala karattru numeriku.
59	Rata varjabbli tat-tnaqqis	Il-kodiċi li tirrappreżenta l-indiċi tar-rata varjabbli “EONA” - EONIA “EONS” - EONIA SWAP “EURI” - EURIBOR “EUUS” - EURODOLLARU “EUCH” - EuroSwiss “GCFR” - GCF REPO “ISDA” - ISDAFIX “LIBI” - LIBID “LIBO” - LIBOR “MAAA” - Muni AAA “PFAN” - Pfandbriefe “TIBO” - TIBOR “STBO” - STIBOR “BBSW” - BBSW

Numru	Attribut	Format
		“JIBA” - JIBAR “BUBO” - BUBOR “CDOR” - CDOR “CIBO” - CIBOR “MOSP” - MOSPRIM “NIBO” - NIBOR “PRBO” - PRIBOR “LBO”- TELBOR “IBO”- WIBOR “TREA”- It-Teżor “SWAP” - SWAP “FUSW” - Future SWAP Jew sa 25 karattru alfanumeriku jekk ir-rata ta’ referenza mhijiex inkluża fil-lista ta’ hawn fuq
60	Perjodu ta’ referenza tar-rata varjabbli tat-tnaqqis - perjodu ta’ żmien	Il-perjodu ta’ żmien li jiddeskrivi l-perjodu ta’ referenza, fejn għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: “YEAR” - Sena “MNTH” - Xahar “WEEK” - Ġimgħa “DAYS” - Jum
61	Perjodu ta’ referenza tar-rata varjabbli tat-tnaqqis - multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta’ żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti. Sa 3 karattri numeriċi.
62	Rata varjabbli tat-tnaqqis frekwenza - perjodu ta’ żmien	Il-perjodu ta’ żmien jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti, u għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: “YEAR” - Sena “MNTH” - Xahar “WEEK” - Ġimgħa “DAYS” - Jum
63	Rata varjabbli tat-tnaqqis frekwenza - multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta’ żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jiskambjaw pagamenti. Sa 3 karattri numeriċi.
64	Issettjar mill-ġdid tar-rata varjabbli frekwenza - perjodu ta’ żmien	Il-perjodu ta’ żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jirrisettjaw ir-rata varjabbli, fejn għandhom japplikaw dawn l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: “YEAR” - Sena “MNTH” - Xahar “WEEK” - Ġimgħa “DAYS” - Jum
65	Issettjar mill-ġdid tar-rata varjabbli frekwenza - multiplikatur	Multiplikatur integer tal-perjodu ta’ żmien li jiddeskrivi kemm spiss il-kontropartijiet jirrisettjaw ir-rata varjabbli. Sa 3 karattri numeriċi
66	Firxa tar-rata ta’ tnaqqis	Sa 5 karattri numeriċi
67	Ħlas ta’ self	Sa 11-il karattru numeriku inkluż sa 10 deċimali espressa bħala perċentwali, fejn 100 % hija rappreżentata bħala “100”.

Num-ru	Attribut	Format
68	Arranġamenti esklussivi	“veru” “falz”
69	Self tal-marġni pendenti	Sa 18-il karattru numeriku inkluż sa 5 deċimali. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentat b’punt.
70	Munita bażi ta’ self ta’ marġni pendenti	Kodiċi ISO 4217 tal-Munita, 3 karattri alfabetiċi.
71	Valur qasir fis-suq	Sa 18-il karattru numeriku inkluż sa 5 deċimali. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentata b’punt.
Data kollaterali		
72	Markatura tas-Self ta’ Titoli mhux Kollateralizzati (“SL”)	“veru” “falz”
73	Kollateralizzazzjoni tal-iskopertura netta	“veru” “falz”
74	Data tal-valur tal-kollateral	Id-data ISO 8601 fil-format YYYY-MM-DD
Meta kollateral speċifiku kien użat, il-kaxxi 75 sa 94 għandhom jiġu ripetuti u mimlija għal kull komponent ta’ kollateral, fejn applikabbli.		
75	Tip ta’ komponent tal-kollateral	“SECU” - Titoli “COMM” - Komoditajiet (għar-riakkwisti, għas-self ta’ titoli u komoditajiet u għat-teħid ta’ self u għall-akkwisti bil-patt ta’ rivendita biss) “CASH” - Kontanti
Fejn ġew użati flus bħala kollateral, dan għandu jiġi speċifikat fil-kaxxi 76 u 77.		
76	Ammont ta’ kollateral fi flus	Sa 18-il karattru numeriku inkluż sa 5 deċimali. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentat b’punt.
77	Munita ta’ kollateral fi Flus	Kodiċi ISO 4217 tal-Munita, 3 karattri alfabetiċi.
78	Identifikazzjoni ta’ sigurtà li tintuża bħala kollateral	Il-kodiċi ISIN ISO 6166 bi 12-il karattru alfanumeriku.
79	Klassifikazzjoni ta’ sigurtà li tintuża bħala kollateral	Il-kodiċi CFI ISO 10692 b’6 karattri alfabetiċi.

Num-ru	Attribut	Format
Meta komodità ntużat bħala kollateral, il-klassifikazzjoni ta' dik il-komodità għandha tiġi speċifikata fil-kaxxi 80, 81 u 82.		
80	Prodott bażiku	Huma permessi biss il-valuri fil-kolonna tal-"Prodott bażiku" tat-tabella tal-klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet.
81	Prodott sekondarju	Huma permessi biss il-valuri fil-kolonna tal-"Prodott sekondarju" tat-tabella tal-klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet.
82	Prodott sekondarju ieħor	Huma permessi biss il-valuri taħt "Prodotti sekondarji oħra" fit-tabella ta' klassifikazzjoni ta' derivattivi tal-komoditajiet.
83	Kwantità jew ammont nominali tal-kollateral	Sa 18-il karattru numeriku inkluż sa 5 deċimali. Il-marka deċimali mhix ikkunsidrata bħala karattru numeriku. Jekk ikun hemm, din għandha tkun rappreżentat b'punt.
